*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 67**

**L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**67.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**67.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**67.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 66 tas-17 ta' Jannar 2018:</u>***

**67.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li hemm żball fid-data fl-ewwel paġna. Il-data ġiet emendata għal Ħamis 14 ta' Diċembru 2017.

**67.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri kien preżenti għal laqgħa iżda mhux qiegħed imniżżel fil-lista tal-preżenti.

Din il-minuta ġiet emendata u isem il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġie imniżżel taħt il-lista tal-preżenti.

**67.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv illi ma setax jkun preżenti għal-laqgħa, pero` ismhu mhux qiegħed imniżżel fl-ewwel paġna taħt assenti b'apoloġiji u fit-tieni paġna f'artiklu 66.1.1 taħt qari tal-ittri ta' apoloġiji.

Dawn iż-żewġ minuti ġew emendati u ismu ġie imniżżel f'paġna 1 u paġna 2

**67.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li f'paġna 6 kien semmgħa il-preokkupazzjoni tiegħu fuq l-għoli ta' tlettax il-sular fir-rigward tal-bini tal- Jerma u għaldaqstant wara r-raba` paragrafu għandu jitniżżel dan il-paragrafu kif ġej.

*''Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrimarka li għandu preokkupazzjoni bi tlettax –il sular.*

*Is-Sindku wieġbu li tlettax –il sular huwa aċċettat għal lukandi''.*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.10pm***

**67.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li f'paġna 6 l-ewwel paragrafu trid titkompla l-aħħar sentenza hekk kif ġej.

*''u għadu mhux ċar fis-60% hemm se jkun hemm kmamar fil-lukanda''.*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**67.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'paġna 6 l-ewwel paragrafu jrid jkun jaf jekk nafux kemm ser jkun hemm kmamar fil-lukanda.

Is-Sindku wieġbu li huwa tajjeb li din il-mistoqsija ssir direttament lill l-iżviluppaturi fil-laqgħa pubblika li ser issir il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu fil-laqgħa li kellhom mal-iżviluppaturi kien staqsijhom pero` ma setgħawx jagħtuh risposta għaliex l-iżvilluppaturi għandhom ma jafux.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din trid tiġi iċċarata mal-Investituri dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li għandhom fi stadju preliminarji tal-pjanti.

Is-Sindku qal illi l-importanti li r-residenti ser jibbenefikaw minn spazji pubbliċi.

**67.2.7** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet fuq paġna 4 artiklu 66.3.2 jekk konniex bagħtna l-oġġezzjoni tagħna fuq il-binja proposta tal-Medical Clinic fi Triq Patri Wistin Born ma Triq il-Lampuka.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġiba li konna bagħtnija.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk bagħtnijhiex l-oġġezjoni fuq il-parkeġġ jew fuq il-proġett kollu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li fuq il-proġett kollu.

**67.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq il-bin tal-ħġieġ (dome) li ilha mkissra xhur.

Is-Sindku nforma lil Kunsillier illi Green Mt talbuna €200 sabiex titneħħa d-*dome* tal-ħġieġ imkissra li hemm fi Triq iż-Żonqor. Huwa kompla jispjega illi peress li hija mkissra ma jistgħux jerfawa b'kollox u għaldaqstant l-ewwel jridu jbattlulha l-ħġieġ imbagħad jneħħuha. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jorganizza laqgħa mas-Sur Attard sabiex nitrexjaw din il-problema.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.20pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din id-*dome* inkisret waqt l-andament tax-xogħol u jekk irridu nħallsu dawn il-flejjes allura nqabdu lil ħaddiema tagħna jaqsmuha u jbgħatluha huma.

Il-Kunsill qabel li għandha nkelmu lis-Sur Joe Attard tal-Green MT dwar din il-kwistjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-kuntratt il-ġdid tal-Green Mt beda fis-seħħ minn Novembru u fil-kuntratt għandu li l-ġbir tal-borża l-griża jrid jsir darbtejn fil-ġimgħa, iżda għadu ma bediex u staqsa meta ser jibda dan is-servizz.

Is-Sindku wieġbu li jekk mhux żbaljat għal ħabta ta' Frar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fuq *facebook* kien hemm minn kiteb illi l-*iskip* tal-ħġieġ ta' ħdejn il-Jerma hija mimlija.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li kif il-borża l-griża tibda tinġabar darbtejn fil-ġimgħa għandha inaqqsu l-ammont kbir ta' *bring in sites* li għandna għaliex anke ħdejn il-*bring in sites* qed jintramew ammont ta' skart goff.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mil-flus li qed nirċievu minn fuq din l-iskema għandha ninvestu f'*cameras* ħalli naqsu ħafna abbużi.

**67.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ikkummenta fuq paġna 3 artiklu 66.2.5, fejn qal illi l-*crash barrier* li hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas għada mkissra u ilha aktar minn xahrejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem magħhom diversi drabi u peress li għandu jġorru għal *premises* il-ġodda waqgħu lura fix-xogħol.

**67.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 66.2.6 jekk il-konkrit fi Triq il-Bidni hux ser jitkompla.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jitkompla.

**67.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 66.3.6 fejn qal jekk għandiex informazzjoni fiex wasal il-permess tal-applikazzjoni tal-*petrol station* fi Triq Sant'Antnin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-permess ħareġ u li huwa kien preżenti waqt il-*hearing* preliminari u kien ġibdilhom l-attenzjoni l-periklu li hemm wara li nħaraq l-impjant tar-riċiklaġġ. Huwa qal li l-PA qalulu illi l-applikant qabbad espert biex jieħu l-miżuri tas-sigurta kollha. Huwa kompla jispjega illi waqt din il-laqgħa l-PA enfasiżżat fuq l-importanza li min-naħa tal-Wasteserv jieħdu ukoll is-*saftey precautions* kollha għaliex il-*jumbo bags* mhux biżżejjed. Huwa kompla jgħid illi l-PA infurmatu illi kellhom jmorru l-Wasteserv sabiex jaraw.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk l-applikazzjoni tal-*petrol station* u tax-*shopping mall* hux applikazzjoni waħda jew separata.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġieba li huma applikazzjonijiet separati.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk konniex tkellimna fuq l-applikazzjoni tax-*shopping mall*.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din l-applikazzjoni hux ser titressaq għal laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri qal li konna tkellimna fuqha.

Is-Sindku weġieba illi l-ewwel kien hemm applikazzjoni fejn l-applikant kien irtira l-applikazzjoni imbgħad kien reġa issottometta applikazzjoni oħra u kienet tresqet għal-laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa waqt id-diskussjoni li kien hemm fil-kunsill f'laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill kien qabel li ma joġġezzjonax, huwa kien esprima l-opinjoni tiegħu fejn qal li huwa ma kienx jaqbel ma din l-applikazzjoni u kien ippropona li l-Kunsill kellu joġġezzjona.

**67.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu 66.9.1 jekk għandiex *feedback* rigward iż-żieda fir-ronda min-naħa tal-Puluzija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad ma għandiex risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qabel kellna l-Liason Offficer u li kien jgħamel xogħol impekkabli u li issa ma għadux jofrilna dan is-servizz.

Is-Sindku qal li minflokk qed nikkomunikaw mas-Supretendent Geoffrey Azzopardi fejn kull meta nresqu l-ilmenti tagħna qed jaqdina mill-ewwel

Il-Kunsill qabel li nitolbu laqgħa mas-Supretendent sabiex niddiskutu miegħu l-ħtieġa ta' iktar ronda speċjalment fis-Sajf.

**67.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 10 artiklu 66.9.3, it-tielet pargrafu fejn qal li r-*reinstatment* fi Triq Hurds Bank u Triq l-Artillieri sar pero` il-*crash barriers* għandhom hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jitneħħew.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar staqsa jekk nafux minn qed jagħmel xogħol fuq il-bankina fiż-Żonqor *Housing Estate* fejn qal li għaddew xi pipijiet fil-bankina fi Triq is-Salvja, Triq il-Merqtux u Triq il-Blajjiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jiċċekja mal-*customer care*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem ukoll fuq il-kontenitur li hemm iż-Żonqor fejn jiddepożitaw il-ħwejjeġ, fejn qal li qed jagħlaq il-passaġġ minn fuq il-bankina u dan il-kontenitur għandu jitpoġġa ħdejn l-*iskips*.

Il-Kunsill qabel li dan il-kontenitur għandu jitneħħa minn fejn qiegħed u jitpoġġa ħdejn l-*iskips* jew ħdejn l-*istage*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq il-Granmastri hemm l-istess kontenitur fejn wieħed jista jitfa l-ħwejjeġ fih u qiegħed maħruġ il-barra ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt li dan il-kontenitur jista jitpoġġa fuq il-bankina ħdejn il-Magħluq.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jkellem lill-kuntrattur sabiex insolvu dawn l-inkonvenjenzi.

Is-Sindku qal li Marsaskala għandu 7 minn dawn il-kontenituri.

**67.2.14** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 7 artiklu 66.3.5 jekk għandiex risposta min-naħa tad-Dipartiment rigward is-Sur Ryan Portelli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi d-Direttur tal-Kunsilli Lokali irrispondina u tagħna il-*go ahead.*

- Il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar qal illi fil-*website* tal-Kunsill ma kienetx aġġornata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm xi ħsarat li intebaħ fihom il-ġurnata ta' qabel u kienu tranġaw matul il-lejl u kien laħaq għamel l-update tas-seduta tal-Kunsill, ftit siegħat qabel l-istess seduta.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-parti ta' Triq in-Nadur fejn hija *two way* qeda perikoluża.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-parti ma Triq Vittorio Cassar jsiru vleġġeġ mal-art li tindika li triq hija *two ways* u anke tabelli u l-parti li hija *one way* jsiru vleġġeġ mal-art li tindika li triq hija *one way*.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-armar tal-Milied ta' Triq ix-Xatt għadu ma tneħħiex u għaldaqstant għandna nitolbu lil kuntrattur sabiex jżarma l-armar.

**67.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku

**67.4** ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**67.5** ***<u>Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart Ottubru 2017 sa Diċembru 2017:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-laqgħa pubblika mis-sena d-dieħla tibda issir f'Diċembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport finanzjarju ta' kull kwart minn Ottubru 2017 sa Diċembru 2017.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart minn Ottubru 2017 sa Diċembru 2017 u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart minn Otturbu 2017 sa Diċembru 2017 ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**67.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa.**

Ma kienx hemm items oħra.

**67.7 Korrispondenza:**

**67.7.1 *Laqgħa mil-iżviluppaturi tal-AUM:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera bil-minuti tal-laqgħa li saret mal-investituri tal-universita`.

**67.7.1.1** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li hemm xi korrezzjonijiet li jridu jsir fil-minuti u għaldaqstant bdiet bit-tielet paragrafu ta' paġna 4 fejn jrid jinbidel u jiġi emendat hekk kif gej:

*Il-Perit qal li permess bħal dan jieħu bejn sena u sena nofs minħabba li jinvolvi EIA, TIS SIA fost affarijiet oħra.*

**67.7.1.2** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi d-disgħa paragrafu ta' paġna 4 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet x'ser jingħata lura lil lokal? X'inhuma l-faċilitajiet kollha?*

*Il-Perit weġibha illi ser jsir canteen, auditorium, libreriji, possibilta` ta' pool, dormitorji u fakultajiet oħra.*

**67.7.1.3** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hemm żball f'paġna 3 is-sittax il-paragrafu u għandu jinbidel kif ġej:

*Il-Kunsillier is-sur Daniel Spiteri qal li hemm l-aċċess sabiex jinżlu l-għaddasa u meta jkun riħ qawwi mil-Majjistral huwa l-uniku post fejn jistgħu jinżlu l-għaddasa u għandu jiġi kkunsidrat li jintranġa l-aċċess.*

**67.7.1.4** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li paġna 4 it-tnax il-paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li huwa mportanti li ssir University town u li mhux kollox biss jkun għal universitarji imma li jkun miftuħ għal komunita` Skalina.*

**67.7.1.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandu mhux ċar fuq id-diskussjoni rigward il-latrina jekk hux ser ssir oħra jew le.

Is-Sindku qal li huma qalu li jistgħu jibnu oħra minfloka, pero` għanda issir laqgħa oħra magħhom sabiex jiġu diskussi aħjar l-affarijiet.

**67.7.1.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa ma jaqbilx mal-għoli tal-bini tad-dormitorji u qal illi jekk f'Marsaskala ser jkollhom tlett fakultajiet biss, l-istudenti mhux ser jimlew it-tmien mitt sodda li qalulna li ser jkun hemm. Huwa kompla jgħid illi dan jfisser illi ser nispiċċaw kollox f'Marsaskala. Huwa żied jgħid illi fl-*agreement* bejn il-Gvern u l-Investituri ma jkunx hemm kemm ser jkun għoli il-bini u qal li għandna nresqu l-proposti tagħna. Huwa qal ukoll li l-aċċess tal-Inwadar jrid jkun hemm ukoll aċċess bil-karozza.

Is-Sindku qal illi meta kienu tkelmu fuq il-proġett tal-Inwadar kienu qablu illi l-aċċess jibqa biss bir-riġel.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jikkonferma dak li qal is-Sindku u li ma jaqbilx illi fl-Inwadar jgħaddu l-vetturi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi mhux qed ċara l-ispjegazjoni li taw illi ser jibnu 15,000 metru kwardu f'żona ODZ u 15,000 metru kwadru f'area li jistgħu jibnu. Huwa qal li qishom taw ll-impresjoni illi fil-15,000 metru kwadru tal-area li jistgħu jibnu qisha diġa mibnija kollha mentri fir-realta` kull ma hemm mibni hija biss il-pixxina.

**67.7.1.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 2 paragrafu disa fejn staqsa x'inhu r-rwol ta' *Sadeen Group* peress li fil-minuti hemm illi huma l-finanzjaturi ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill is-Sur John B. Camilleri qal li huma qalu li huma l-Investituri u li ser jibnu din il-binja.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li din il-minuta għanda tinbidel.

Il-Kunsill qabel illi din il-minuta tinbidel u tinqara hekk kif ġej.

Il-Viċi President is-Sur Khalid El Zayat qal li r-rwol ta' *Sadeen Investors* huwa mil-parti finanzjarja ta' investitur u l-kostruzzjoni għal skopijiet edukattivi.

**67.7.1.8** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk fil-kuntratt hemmx imniżżel li dan il-proġett ser jsir biex issir universita` biss.

Is-Sindku wieġbu illi fil-laqgħa aħna staqsejnijom din il-mistoqsija u kkonferma illi fil-kuntratt marbutin illi tinbena Universita` biss, jiġifieri din l-art tibqa għal skopiiet edukattivi biss.

**67.7.1.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi *Sadeen Investors* huma l-propretarji ta' dan il-proġett u li ser jqabdu nies sabiex imexxu din l-universita`. Huwa kompla jgħid illi din il-laqgħa saret wara xhur nitolbu sabiex issir din il-laqgħa u fuq insistenza tiegħu.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u s-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 2 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**67.7.2** ***Korrispondenza mis-Sur Karol Spiteri rigward l-importanza li jinħoloq sotto kumitat tat-Turiżmu:***

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi s-Sur Karol Spiteri qed jitlob sabiex jkun parti mis-sotto kumitat tat-Turiżmu.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**67.7.3** ***Approvazzjoni tal-Performance Bonuses tal-impjegati tal-Kunsill:***

Is-Sindku preżenta r-rapport tal-*performance bonuses* tal-iskrivani u tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa rringrazzja lil ħaddiema tax-xogħol li jagħmlu u qabel li għandu jingħataw il-massimu tal-*performance bonus*.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni li nintroduċu il-*key performance indicator*, kif isiru Kunsilli oħra u jsir *target* għal tlett xhur u naraw illi t-*targets* jintlaħqu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi huwa jassenja il-miri fir-rigward tal-iskrivani. Huwa kompla jgħid illi fir-rigward tal-ħaddiema l-oħra ser jaqbad żewġ ħaddiema minnhom u jibgħatu jduru l-ġonnon sabiex jamlulna rendikont tal-bżonnijiet li jridu jsiru fil-ġonnon.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar li hu l-iktar li qed jirreferi għal ħaddiema li jagħmlu x-xogħol manwali u mhux tal-uffiċċju. Huwa qal li għandna ngħamlu pjan ta xogħol fejn jduru mal-lokal u jirrapurtaw il-ħtiġijiet li hemm bżonn jsiru bħal tibdil ta' tabelli, ħofor, tkissir ta' bankini u ħmieġ fil-lokal.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li trid issir strateġija aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri qal illi l-ħaddiema tal-*community workers scheme* ser jieħdu €200 żieda fix-xahar u għaldaqstant għandna nassenjawlhom ix-xogħol aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi s-sitema tal-complaints hija ħażina għaliex l-ilmenti tan-nies għandhom jkunu rekordjati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali jiftħu għal pubbliku biss filgħodu u darba fil-ġimgħa biss jiftħu wara nofs in-nhar ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar qal li minflok jkun hemm tlett persuni fil-*customer care* , waħda minnhom idaħħal il-*complaints*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir xi tip ta' sistema fuq ilmenti tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li waħda mill-laqgħat li kien attenda kienet fuq il-ħaddiema u x-xogħol li jgħamlu u hu qal illhi jekk jiġi jistqsuna fuq ix-xogħol li jkunu għamlu ma għadniex x'intuhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-*customer care* tniżżel kuljum ix-xogħol tal-ħaddiema tal-RSS filwaqt li s-Sindku jgħamel rapport kull xahar tal-ħaddiema tal-*community workers scheme*.

**67.7.4** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi fuq ħsarat tal-mollijiet hemm applikazzjoni il-PA u fir-rigward tal-moll ta' Triq San Gorg reġa ġie irrapurtat.

**67.7.5** Is-Sindku informa lill-kunsilliera fuq il-laqgħa li kellu mas-Sur Michale Cohen u s-Sur Charles Muscat rigward il-*belishia crossing* fi Triq tal-Gardiel, fejn qal li sabu soluzzjoni u li ser ikun qed jgħaddulna l-pjanti emendati.

**67.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>***

**67.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

1) *Bitmac bl-invoice 151198* li tammonta għal €227.50 rigwrad *instant road repair*
2) *Bitmac bl-invoice 151255* li tammonta għal €227.50 rigwrad *instant road repair.*
3) Mr Jonathan Gilson b'żewġ invoice li jammontaw għal €1062.00 rigward il-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.
4) Fix It Importa b'invoice 29852 li tammonta għal 219.85 rigwrad consumables.
5) Mr. Bernad Brincat b'invoice li tammonta għal 60.00 rigwrad service li offra sabiex jħejji raport fuq ic-CCTV camera għal-bandli taż-Żonqor li għad jrid jiġi aġġudikat.

67.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq pagamenti 5352 u 5353 tal-vjaggi tal-arju tal-proġett *EU Local* minn huma il-persuni li ser isiefru magħhom.

Is-Sindku qal li dawn iż-żgħażagħ jaħdmu fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura u li kienu nvoluti fis-*seminars* meta dan il-proġett seħħ Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li meta jkun hemm bżonn ta' persuni biex isiefru fuq safar għandna ninfurmaw lir-residenti fuq *facebook* sabiex min ikun interessat jinforma lil Kunsill imbgħad jintgħażlu minfost l-applikazzjonijiet li jkollna,

Is-Sindku qal illi huwa dejjem jinforma lil Kunsill qabel ma jsir xi proġett u ħadd qatt ma infurmah b'xi persuni li huma interessati li jsiefru. Huwa kompla jgħid illi huwa diffiċli ħafna sabiex issib min hu interessat.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li kienu jsibu diffikulta` sabiex jinvolvu l-grupp taż-żgħażagħ fl-attiviatijiet aħseb u ara kemm kienu ser isiefru.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni tas-Sur Lawrence Ciantar.***

**67.9** ***Mozzjonijiet:***

**67.9.1** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Cahrlot Mifsud (166- 11/1/18):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jerġa jagħmel talba lil Public Transport sabiex ir-rotta ta' Żonqor Nru 92 issir kull nofs siegħa u mhux kull siegħa kif qeda fil-preżent."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li din hija bżonnjuża ħafna u li illum il-ġurnata il-popolazzjoni hija ta madwar 1000 ruħ u mhux ta' 50 ruħ kif kienet 17 –il sena ilhu. Dan ikompli jis]aq fuq l-importanza li ti#died il-frekwenza.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu lil *Public Transport* kif ukoll lis-Sur Kevin Zahra u ninfurmawhom bil-kumment tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

**67.9.2** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera- is-Sur John Baptist Camilleri u s-Sur Charlot Cassar u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt (165-10/1/18):**

*"Jipproponu li peress illi d-deċizjoni li Żonqor jingħata għall-iżvilupp kienet waħda żbaljata mill-bidu nett; u li inoltre, issa qed jirriżulta ukoll illi din l-hekk imsejha American University of Malta falliet bil-kbir milli tilħaq il-miri tagħha u saħansitra ukoll naqset dawn il-miri bin-nofs, il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jagħmel talba formali lill-Gvern Ċentral li fiha jitlob li l-art f'Żonqor ma tibqax aktar f'idejn il-kumpanija Sadeen Education Investment iżda għandha terġa' ssir art pubblika li titħalla fl-istat naturali tagħha waqt li tiġi protetta u terġa' ssir parti mill-Park Nazzjonali tal-Inwadar. Dan sabiex din l-art ta' ġmiel naturali mill-isbaħ tkun tista' tibqa titgawda għal dejjem min-nies ta' Marsaskala u l-poplu Malti kollu.*

*Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jħeġġeġ ukoll lill-Gvern Ċentral sabiex hekk kif l-art f'Żonqor terġa' ssir art pubblika, minnufih u bla aktar telf ta' żmien jibda xogħol estensiv ta' rinovar fil-pixxina eżistenti li hemm f'Żonqor u b'hekk jiġi evitat li din ikollha terġa' tinbena mill-ġdid fil-bajja pittoreska ta' Marsaskala."*

Is-Sindku talab lil Kunsilliera sabiex kulħadd jgħaddi il-kummenti tiegħu

**67.9.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri beda biex jgħid illi wara l-laqgħa li kellhom mal-investituri iktar u iktar huwa kontra dan il-proġett. Huwa żied jgħid illi meta iddiskutejna mozzjoni simili kien intqal illi n-nies ta' Marsaskala ser jibbenefikaw minn grawnd tal-futboll u issa dan il-grawnd ser jinbena fil-*family park*. Huwa qal li l-bini ser jkun għoli ħafna u li ser jintilfu ħafna parkeġġi.

**67.9.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li kieku l-partit nazzjonalista qallu sabiex jivvota favur ta' dan il-proġett huwa xorta kien ser jivvota kontra għaliex ma jaqbilx miegħu. Huwa kompla jgħid li din l-art ser tgħaddi għal dejjem għand l-investituri u ser nitilfu din l-art.

**67.9.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hu dejjem kien favur il-protezzjoni ta' din l-art u għadna nkomplu nipproteġuwa. Huwa kompla jgħid illi iktar ma qed joħorġu affarijiet iktar għandna nipproteġuwa u l-Kunsill għandu opportunita` tad-deheb li nagħmlu dak li suppost għamilna sentejn ilu li din l-art verġni għanda tibqa titgawda min-nies ta' Malta.

**67.9.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li minn dak li kien hemm fil-bidu ghal dak li tkelmu fuqhu waqt il-laqgħa mal-investituri jidher li ma nbidel xejn u dan il-proġett ser jkun għal skopijiet edukattivi biss u trid tibqa għalhekk biss u għaldaqstant għadu ma nkisirx il-kuntratt. Huwa qal li kien hemm iktar minn 1000 applikazzjoni ta' studenti. Huwa qal illi l-partit ma qallux x'għandu jivvota u din hija purament id-deċiżjoni tiegħu.

**67.9.2.5** Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li tabel perfettament ma dak li għadu kif ikkumenta l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u taqbel li dan il-proġett isir.

**67.9.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-pjan tal-proġett baqa` kif kien iżda minn dak in-nhar l-hawn sar kuntratt bejn il-Gvern u l-Investitur u li huwa jafda fil-Gvern Malti. Huwa qal illi jekk dan il-proġett ma jsirx meta hemm kuntratt ser inkunu qed nibgħatu messaġġ ħażin lil investituri oħra barranin għaliex nuru li aħna m'aħniex kredibli. Huwa qal li s'issa l-kuntratt għadu ma nkisirx.

**67.9.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li dan il-proġett ġie ridott u kellu jinqasam fi tnejn. Huwa qal li l-*waterpolo pitch* ser jitneħħa u jinbena f'post ieħor. Huwa qal li l-investituri tawna serħan il-moħħ li ser jagħmlu faċilitajiet sportivi. Huwa qal li l-investitrui lesti li jagħtu l-assistenza tagħhom lin-nies ta' Marsaskala u li l-fakultajiet sportivi ser ikunu miftuħa lill-komunita`.

**67.9.2.8** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li l-pożizzjoni tagħha ma nbidletx u ma tridx tara iktar art tinbena. Hija qalet li taqbel mal-ispirtu tal-mozzjoni u li l-art ma tingħatax lill-investituri iżda ma rat ebda evidenza illi l-Universita falliet bi kbir fil-mira tagħha. Hija kompliet tgħid li l-miri qedgħin fil-kuntratt u sakemm m'għandiex evidenza li fallew hija informazzjoni inkoretta għaldaqstant talbet sabiex il-mozzjoni tiġi emendata.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard ipproponiet l-emenda f'din il-mozzjoni filwaqt li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda din l-emenda. Din il-mozzjoni għandha tinqara hekk kif ġej:

*"Jipproponu li peress illi d-deċizjoni li Żonqor jingħata għall-iżvilupp kienet waħda żbaljata mill-bidu nett; il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jagħmel talba formali lill-Gvern Ċentral li fiha jitlob li l-art f'Żonqor ma tibqax aktar f'idejn il-kumpanija Sadeen Education Investment iżda għandha terġa' ssir art pubblika li titħalla fl-istat naturali tagħha waqt li tiġi protetta u terġa' ssir parti mill-Park Nazzjonali tal-Inwadar. Dan sabiex din l-art ta' ġmiel naturali mill-isbaħ tkun tista' tibqa titgawda għal dejjem min-nies ta' Marsaskala u l-poplu Malti kollu.*

*Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jħeġġeġ ukoll lill-Gvern Ċentral sabiex hekk kif l-art f'Żonqor terġa' ssir art pubblika, minnufih u bla aktar telf ta' żmien jibda xogħol estensiv ta' rinovar fil-pixxina eżistenti li hemm f'Żonqor u b'hekk jiġi evitat li din ikollha terġa' tinbena mill-ġdid fil-bajja pittoreska ta' Marsaskala."*

Il-mozzjoni kif emendata ġiet aċċettata mil-proponenti u sekondati kollha tal-mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-laqgħat tal-Kunsill numru 33 u 39 qal li l-Kunsill kien qabel li jinbnew tlett sulari u issa qed jaqblu mat-8 sulari.

**67.9.2.9** Is-Sindku qal li fil-fatt kien ser jitkellem fuq din l-emenda li għada kif saret għaliex ma kienx minnhu li l-Ġordaniżi fallew jew kissru l-kuntratt. Huwa qal li meta beda jisma fuq il-mezzi tax-xandir ġie xettiku hu ukoll iżda meta saret il-laqgha mal-investituri fehem iktar l-affarijiet għaliex dak li semgħa fuq il-mezzi xandir ma kienx minnu. Huwa qal li dan il-proġett ser jkun għal ġid tal-lokal u li hu fl-ebda ħin ma qal li jaqbel li dan il-proġett jiddistruġġi l-għelieqi tan-nies u min jaħdem l-għelieqi. Fil-fatt irriżulta li ħadd ma kien jaħdem l-għelieqi. Huwa qal li l-kosta mhux ser tintmissx u lanqas ser titatta l-veduta tan-nies taż-Żonqor fi Triq Għaxqet l-Għajn. Huwa qal li l-investituri ikkonfermaw li l-faċiltajiet sportivi ser jintużaw mill-poplu. Huwa kompla jgħid illi l-Baċir u Żonqor huwa proġett wieħed. Huwa qal li għad irridu nitkellmu magħhom fuq ħafna affarijiet fostom is-substation, il-latrina eċċ. Huwa qal li kienet ċara li jekk jiksru il-kuntratt il-Gvern joħodilhom lura.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li mhux kontra l-Universita` jew il-faċilitajiet sportivi iżda li ma tinbeniex fuq dik l-art

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li għandna art li hija ODZ u li għandna l-opportunita` li tibqa hekk.

Din il-mozzjoni għaddiet għal vot u riżultat kienet 4 voti favur u 5 voti kontra:

**FAVUR: Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, s-Sur Charlot Cassar, is-Sur Sandro Gatt u l-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard.**

**KONTRA: Is-Sindku, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud , il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar.**

Din il-mozzjoni m'għaddietx.

**67.10** <u>**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**</u>

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 17 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |